

- jannulla d-deċiżjoni adottata mill-kap tal-unità “reklutaggħ u tmiem tas-servizz”, Direttorat HR.B, DG Riżorsi Umani u Sigurtà, fil-kwalità tiegħu ta’ Awtorità Investiga bis-Setgħha li tikkonkludi Kuntratti tal-Impljieg (AHCC), li l-kuntratt tar-rikorrenti ma jiġġeddidx;
- sa fejn hemm bżonn, jannulla d-deċiżjoni adottata mill-AHCC, li tiċħad l-ilment imressaq mir-rikorrenti;
- riintegrazzjoni tar-rikorrenti fil-funzjonijiet tagħha fi ħdan id-DG DIGIT fil-kuntest ta’ estensjoni tal-kuntratt tagħha f’konformità mar-rekwiżiti tar-Regolamenti tal-Persunal;
- sussidjarjament, u fil-każ li t-talba għar-riintegrazzjoni kif deskritta iktar ‘il fuq ma tiġix milqugħha, jikkundanna lill-konvenuta tirrimedja għad-dannu subit mir-rikorrenti, evalwat provviżorjament u ex aequo et bono għad-differenza bejn ir-remunerazzjoni li kieku kienet tirċievi bħala aġent temporanju fi ħdan il-Kummissjoni li kieku l-kuntratt tagħha ġġedded, u l-ammont tal-benefiċċċi ta’ qgħad li hija attwament tirċievi, u dan għal perijodu ta’ sentejn (li jikkorrispondi għat-tul tat-tiġidid previst skont l-Artikolu 8 tal-Kundizzjonijiet tal-Impljieg), flimkien mal-interessi moratorji bir-rata legali waqt il-perjodu kkonċernat;
- fi kwalunkwe każ, jikkundanna lill-konvenuta għall-ħlas ta’ somma ffissata provviżorjament u ex aequo et bono għal EUR 5 000, bħala kumpens għad-danni morali, flimkien mal-interessi moratorji bir-rata legali b-effett mis-sentenza li għandha tingħata;
- jikkundanna lill-Kummissjoni Ewropea għall-ispejjeż.

Rikors ippreżzentat fl-4 ta’ Frar 2012 — ZZ vs Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri

(Kawża F-14/12)

(2012/C 138/75)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrent: ZZ (rappresentant: O. Mader, avukat)

Konvenuta: Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri

Suġġett

Annnullament tad-deċiżjonijiet tal-konvenuta li r-rikorrent ma jiġix promoss għall-grad AD13 fil-kuntest tal-proċedura ta’ promozzjoni 2011.

Talbiet tar-rikorrent

- jannulla d-deċiżjoni tal-konvenuta tas-26 ta’ Mejju 2011 li r-rikorrent ma jiġix promoss għall-grad AD13 fil-kuntest tal-proċedura ta’ promozzjoni 2011;

- jannulla d-deċiżjoni tal-konvenuta tat-18 ta’ Novembru 2011 li permezz tagħha din ikkonfermat in-numru ta’ posti-jiet disponibbli fl-2011 għal promozzjoni fil-grad AD13 bil-konsewenza li l-ilment tar-rikorrent kontra d-deċiżjoni tas-26 ta’ Mejju 2011 ġie miċħud;

- jikkundanna lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri għall-ispejjeż.
-

Rikors ippreżzentat fl-10 ta’ Frar 2012 — ZZ vs Il-Kummissjoni

(Kawża F-16/12)

(2012/C 138/76)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: ZZ (rappresentanti: P. Nelissen Grade u G. Leblanc, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Suġġett

L-annullament tad-deċiżjoni sabiex tinbidel unilateralement l-assenazzjoni tar-rikorrenti.

Talbiet tar-rikorrenti

- jannulla d-deċiżjoni ta’ assenazzjoni tal-Awtorità tal-Ħatra tal-1 ta’ Frar 2012 li tassenja lir-rikorrenti fl-unità D5 minflok fl-unità A4;

- jikkundanna lill-Kummissjoni tħallas lir-rikorrenti ammont ta’ EUR 3 000 bħala kumpens għal danni morali;

- jikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.
-

Rikors ippreżzentat fit-8 ta’ Frar 2012 — ZZ vs Il-Kummissjoni

(Kawża F-17/12)

(2012/C 138/77)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Partijiet

Rikorrent: ZZ (rappresentant: G. Cipressa, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Suġġett

Il-kundanna tal-Kummissjoni sabiex tħallas kumpens għad-dannu li r-rikorrent qiegħed jallega li ġarrab minħabba t-tul eċċessiv tal-proċedura għar-rikonoxximent tal-gravità tal-marda li kien isofri minnha.